Dok 63

Il-KUMMISSJONI EWROPEA

*Brussell, 17.2.2014*
*C(2014) 1020 final*

*Sur President,*

*Il-Kummissjoni tixtieq tirringrazzja lill-Kamra tad-Deputati għall-Opinjoni Motivata tagħha dwar ir-Regolament għal Kontinent Konness {COM(2013) 627 final}.*

*L-ekonomija globali qed tevolvi lejn ekonomija fuq l-Internet, u t-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni (ICT) għandha tkun rikonoxxuta b'mod sħiħ bħala sors ta' tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv. Suq uniku għall-komunikazzjonijiet elettroniċi, fejn il-libertà li jiġu pprovduti netwerks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi lil kull konsumatur fl-Unjoni u d-dritt ta' kull utent finali li jagħżel l-aħjar offerta disponibbli fis-suq jiġi żgurat u mhux imxekkel mill-frammentazzjoni tas-swieq minn u lejn il-fruntieri nazzjonali, għandu jippromwovi l-kompetizzjoni, l-investiment u l-innovazzjoni f'netwerks u servizzi ġodda u msaħħa. Il-benefiċċji li jirriżultaw minn suq uniku għall-komunikazzjonijiet elettroniċi għandhom jiġu estiżi għal ekosistema diġitali usa'.*

*Il-Kummissjoni tapprezza li l-Kamra tad-Deputati tikkondividi l-viżjoni tal-Kummissjoni li l-Unjoni teħtieġ suq uniku msaħħaħ, dinamiku u kompetittiv għall-komunikazzjonijiet elettroniċi u taqbel li l-qafas regolatorju Ewropew jeħtieġ li jippromwovi l-kompetizzjoni, l-investiment u l-innovazzjoni, minħabba li dan iwassal għal benefiċċji akbar kemm għall-konsumaturi kif ukoll għall-ekonomija. Il-Kummissjoni tilqa' wkoll l-għarfien tal-Kamra tad-Deputati li jista' jkun hemm lok għal aktar koordinazzjoni bejn il-pajjiżi u r-regolaturi rispettivi tagħhom għall-benefiċċju tas-suq uniku tat-telekomunikazzjoni u fl-interess ta' implimentazzjoni aktar effettiva tal-qafas regolatorju.*

*Il-Kummissjoni tinnota wkoll it-tħassib espress mill-Kamra tad-Deputati.*

*B'mod ġenerali, il-qafas regolatorju attwali ma setgħax iwettaq b'mod sħiħ l-għan tiegħu li jistabbilixxi suq uniku għall-komunikazzjonijiet elettroniċi, minħabba swieq li għadhom frammentati tul il-fruntieri nazzjonali u l-ostakoli fil-forniment transfruntier u l-possibbiltà li tinkiseb komunikazzjoni elettronika. Miżuri fuq livell tal-UE huma meħtieġa biex jitneħħew l-ostakoli speċifikati għas-suq intern, li jiġu llimitati għal dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu l-objettivi identifikati.*

*Is-Sur Anġlu Farrugia*
*Il-President tal-*
*Kamra tad-Deputati*
*Il-Palazz*
*MT — Valletta VLT*

*Fir-rigward tat-tħassib speċifiku li tqajjem fl-Opinjoni Motivata, il-Kummissjoni tixtieq tenfasizza li l-proposta tfittex li tikseb bilanċ xieraq bejn il-ħtieġa li tiġi żgurata konsistenza regolatorja u r-rispett tal-kompetenzi nazzjonali skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà. L-Istati Membri se jibqgħu totalment responsabbli biex jirregolaw in-netwerks tal-operaturi u l-forniment ta' servizzi fit-territorju tagħhom. Filwaqt li xi miżuri mmirati jikkonċernaw il-mod kif jiġu eżerċitati l-kompetenzi nazzjonali, dawn għandhom il-għan li jiżguraw approċċi regolatorji kkoordinati skont il-liġi tal-UE, iżda ma jbiddlux l-awtorità finali tal-Istati Membri li jirregolaw il-forniment tas-servizzi u n-netwerks ta' komunikazzjonijiet elettroniċi. Il-prinċipju tas-sussidjarjetà jiġi rrispettat minħabba li l-intervent tal-UE huwa limitat għal każijiet li fihom approċċi regolatorji kkoordinati skont il-liġi tal-UE huma meħtieġa biex tiġi żgurata l-libertà li jiġu pprovduti s-servizzi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi madwar l-UE kif ukoll il-possibbiltà għall-utenti finali biex jaċċessaw is-servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi tal-għażla tagħhom irrispettivament minn fejn ikunu fornuti fl-Unjoni, mingħajr restrizzjonijiet transfruntiera jew spejjeż addizzjonali mhux ġustifikati, fuq il-bażi ta' livell għoli ta' protezzjoni. Fl-istess ħin, il-miżuri tal-UE previsti mhux se jillimitaw il-marġni nazzjonali tal-valutazzjoni tal-politika aktar milli hu meħtieġ sabiex jinkisbu l-għanijiet tas-Suq Uniku.*

*L-armonizzazzjoni sħiħa li hija prevista fir-rigward tar-regoli dwar il-protezzjoni tal-utenti finali li huma speċifiċi għas-setturi hija konformi mat-tendenza usa' tal-ħarsien tal-konsumatur tal-UE f'dawn l-aħħar snin. Din tenfasizza livell għoli ta' protezzjoni sabiex jiġu rrispettati kemm jista' jkun possibbli l-għażliet tal-Istati Membri li sa issa għażlu li jmorru lil hinn mill-minimu jew id-dispożizzjonijiet fakultattivi tad-Direttiva Servizz Universali. U l-vantaġġi globali kemm fil-protezzjoni tal-utenti finali kif ukoll l-allinjament tal-kundizzjonijiet tan-negozji għall-operaturi jiġġustifikaw pass ta' armonizzazzjoni bħal dan.*

*B'kunsiderazzjoni speċifika għas-setgħa ta' veto tal-Kummissjoni, l-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni se tibqa' responsabbli kompletament għal ġbir ta' informazzjoni u l-analiżi tas-suq u l-identifikazzjoni ta' rimedji, anki dawk innovattivi, filwaqt li l-Kummissjoni tipproponi biss setgħa biex tiġi kkontrollata l-kompatibbiltà ġuridika ta' rimedji imposti fuq operaturi Ewropej qabel dawn ir-rimedji jkunu implimentati. Dan jiggarantixxi prevedibbiltà u ċertezza legali fuq naħa, waqt li mill-banda l-oħra jikkonforma mal-prinċipju ta' proporzjonalità u sussidjarjetà jekk il-problema identifikata (in-nuqqas potenzjali ta' konsistenza ta' rimedji) hija partikolarment problematika għal kumpaniji li joperaw f'aktar minn Stat Membru wieħed u tista' tkun ostakolu potenzjali għal aktar espansjoni u investimenti ta' kumpaniji fl-impatt tal-UE. Għaldaqstant, bil-ħsieb li jitnaqqas kemm jista' jkun meħtieġ l-intervent regolatorju biex jinkiseb l-għan maħsub, din is-setgħa tapplika fuq l-operaturi multinazzjonali u hija simili għal dik diġà applikabbli bħalissa fil-kuntest tal-identifikazzjoni tas-swieq rilevanti u s-setgħa sinifikanti fis-suq.*

*Il-Kummissjoni tinnota t-tħassib tal-Kamra tad-Deputati tagħha li l-valutazzjoni tal-impatt mhijiex ibbażata fuq evidenza oġġettiva li turi l-ħtieġa għal intervent fil-livell tal-UE. Madankollu, il-Kummissjoni tixtieq tfakkar li l-analiżi pprovduta fil-valutazzjoni tal-impatt turi li l-frammentazzjoni qed ittellef is-suq milli jilħaq riżultat aħjar minn dak preżenti. Filwaqt li dan mhuwiex intiż li jagħmel sitwazzjoni preżenti komprensiva tas-settur fil-valutazzjoni tal-impatt, ta' min jinnota, li jekk is-suq tal-UE llum għandu ċerti setgħat*

*(pprezzar u proporzjon tal-kwalità/prezz ġenerali), mhuwiex żgur jekk dawn humiex sostenibbli fit-tul minn industrija li mhijiex b'saħħitha.*

*Fir-rigward tat-tħassib tal-Kamra tad-Deputati dwar il-koordinazzjoni tal-ispettru propost, il-Kummissjoni tenfasizza li d-dewmien fl-għoti ta' liċenzji tal-ispettru diġà wassal għal frammentazzjoni importanti tas-suq mobbli Ewropew. Din is-sitwazzjoni għandha impatt negattiv fuq il-manifatturi tat-tagħmir mobbli li joperaw fis-suq tal-UE u tnaqqas l-offerta ta' terminali ta' ġenerazzjoni ġodda għall-konsumaturi Ewropej. Għalhekk approċċ ġdid dwar il-koordinazzjoni ta' liċenzji madwar l-Ewropa huwa assolutament meħtieġ. Barra minn hekk, in-notifika dwar il-kundizzjonijiet tal-liċenzjar proposta mill-Kummissjoni, biex tiġi eżerċitata flimkien mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, hija maħsuba biex tkun ibbażata fuq mekkaniżmu ta' eżami mill-ġdid bejn il-pari li jippermetti li jiġi kkummentat dwar l-abbozz tal-proċess tal-assenjazzjoni biex jiġi żgurat li dan ma jwassalx għall-ksur tal-prinċipji komuni u li ma jinħoloq l-ebda xkiel għas-suq intern, iżda ma jillimitax l-ambitu tar-responsabbiltajiet tal-Istati Membri għall-awtorizzazzjonijiet tad-drittijiet tal-użu tal-ispettru.*

*Il-Kummissjoni hija fiduċjuża li l-awtorizzazzjoni unika tal-UE, filwaqt li tiffaċilita d-dħul fis-suq transfruntier, ma taffettwax il-kompetenzi ta' kull Stat Membru ospitanti li jiddefinixxu l-kundizzjonijiet tat-tħaddim applikabbli għal kull operatur (li huwa purament nazzjonali jew Ewropej) fit-territorju tiegħu skont il-liġi tal-UE. Għaldaqstant, il-fornitur awtorizzat mill-UE se jkun soġġett għall-istess ġurisdizzjoni bħal fornituri oħra purament "nazzjonali" fir-rigward tar-regolamentazzjoni u s-superviżjoni tal-attivitajiet tiegħu u l-kundizzjonijiet ta' tħaddim f'kull Stat Membru kkonċernat, ħlief għall-miżura ta' sanzjonar estrema tal-irtirar/sospensjoni tal-awtorizzazzjoni ġenerali. Il-Kummissjoni tinnota t-tħassib tal-Kamra tad-Deputati li s-setgħat tar-regolaturi nazzjonali jkunu limitati f'każ bħal dan, iżda tixtieq tenfasizza li salvagwardji xierqa għal miżuri interim jiġu żgurati għall-Istat Membru ospitanti.*

*Il-Kamra tad-Deputati ssostni li l-proposta ddgħajjef l-iżvilupp ta' ambjent regolatorju prevedibbli, b'mod partikolari fid-dawl tal-emendi tar-regoli tar-roaming. B'kuntrast ma' dan, il-Kummissjoni temmen li l-proposta tibni fuq miżuri favur il-kompetizzjoni introdotti fl-2012 li jintroduċu reġim fakultattiv għall-operaturi li jistgħu jew iżommu mar-regoli eżistenti, inkella jagħmlu użu minn din l-għażla addizzjonali, isolvu l-problema tar-roaming għall-konsumaturi tagħhom u billi jagħmlu dan fil-fatt jiksbu ċertezza li l-klawsola ta' eżami mill-ġdid stretta tal-2016 mhux se taffettwahom.*

*Rigward id-dubji tal-Kamra tad-Deputati li l-atti ta' implimentazzjoni proposti u delegati huma meħtieġa biex itejbu l-kompetittività u l-innovazzjoni tas-suq tat-telekomunikazzjoni, fis-suq intern u għall-ekonomija diġitali, il-Kummissjoni tixtieq tinnota li l-adozzjoni ta' atti delegati hija limitata għall-emendi tal-karatteristiċi tekniċi tal-Aċċess Virtwali Ewropew tal-prodotti elenkati fl-Annessi, u għalhekk huwa meħtieġ li tiġi żgurata l-konsistenza mal-żviluppi teknoloġiċi. Rigward l-atti ta' implimentazzjoni, dawn huma limitati għall-każijiet fejn l-adozzjoni ta' regoli aktar dettaljati hija meħtieġa biex jiġi żgurat approċċ ikkoordinat għall-applikazzjoni tar-regoli previsti fil-proposta u f'atti ta' kodeċiżjoni oħra. Dawn huma għalhekk maħsuba jew biex jistabbilixxu malajr id-dettalji tal-obbligi li jimplimentaw il-kriterji u l-kundizzjonijiet diġà definiti mill-Kunsill u l-Parlament Ewropew permezz tal-*

*kodeċiżjoni, pereżempju permezz ta' deċiżjonijiet ta' armonizzazzjoni tal-ispettru, u jadattawhom għall-ispeċifiċitajiet ta' kull frekwenza armonizzata, inkella li jiddefinixxu l-karatteristiċi tekniċi komuni, inkluż il-prodotti ta' aċċess u l-punti ta' aċċess bla fili ta' portata limitata, jew il-metodi komuni jew il-kwalità tal-parametri tas-servizz fil-qasam tal-ħarsien tal-konsumatur.*

*Il-Kummissjoni tifhem it-tħassib tal-Kamra tad-Deputati dwar l-effetti tal-proposta fuq operaturi żgħar, iżda tixtieq tenfasizza li l-viżjoni tagħha hija li l-UE tgawdi ekonomija dinamika u kompetittiva fis-settur tat-telekomunikazzjoni b'operaturi akbar u attivi f'diversi Stati Membri flimkien ma' operaturi iżgħar, aktar kumpaniji lokali li jistgħu jolqtu swieq speċjalizzati partikolari jew li jistgħu jżommu l-pożizzjoni tagħhom minħabba li jkunu adattati aktar għall-ħtiġijiet lokali. L-operaturi żgħar ikunu normalment affettwati aktar mill-piż amministrattiv u l-ostakoli għall-aċċess tas-suq minħabba n-nuqqas ta' riżorsi biex jindirizzawhom. Pereżempju huwa aktar għali għalihom biex jadattaw għal regoli differenti tal-ħarsien tal-konsumatur. Ir-regoli l-ġodda se jnaqqsu l-burokrazija permezz ta' awtorizzazzjoni unika u regoli armonizzati tal-konsumatur. Dan huwa rilevanti b'mod partikolari għal operaturi iżgħar li għalihom il-proċess attwali huwa ostaklu akbar. Il-kumpaniji żgħar għandhom it-tendenza wkoll li jkunu aktar aġli u kapaċi jaħtfu opportunitajiet ġodda ta' negozju minn kumpaniji akbar.*

*Is-suq se jiddeċiedi kif is-settur se jiżviluppa. Jista' jkun hemm xi ristrutturar kif huwa mistenni meta l-ostakoli għas-Suq Uniku jitneħħew, iżda jkun hemm garanzija ta' kundizzjonijiet kompetittivi. Il-politika tal-kompetizzjoni ma tinbidilx, u se tkompli tħares kontra kull konsolidazzjoni li tagħmel ħsara lill-konsumatur. L-esperjenza f'setturi oħra li kienu miftuħa għall-kompetizzjoni fis-Suq Uniku hija pożittiva (eż. l-avjazzjoni, l-enerġija, ċerti oqsma tat-trasport) u saħħet il-kompetizzjoni u wasslet biex operaturi żgħar jikbru. Ir-regoli dwar in-nondiskriminazzjoni msaħħa u aċċess għas-suq aktar faċli għandu jippermetti entitajiet ġodda biex jidħlu fis-suq aktar faċilment.*

*Il-Kummissjoni tinnota t-tħassib tal-Kamra tad-Deputati dwar in-nuqqas ta' konsultazzjoni pubblika u l-pass tal-proċess ta' adozzjoni. Il-Kummissjoni involviet ruħha b'mod estensiv mal-partijiet interessati esterni rilevanti inklużi l-atturi tas-suq, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, il-BEREC (Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi) u l-investituri sabiex jiġi vvalutat l-istat tas-suq u jiġi ddeterminat kif għandhom jittejbu l-kundizzjonijiet għall-istabbiliment ta' suq uniku tat-telekomunikazzjoni. F'dan il-proċess ta' konsultazzjoni, li beda kważi sentejn ilu, avvenimenti pubbliċi wiesgħin twettqu flimkien ma' aktar konsultazzjoni mmirata biex jinkiseb il-kontribut b'saħħtu meħtieġ mingħand il-partijiet interessati, appoġġat minn studji tas-suq.*

*B'mod partikolari, il-Kummissjoni organizzat bosta avvenimenti konsultattivi li attendew għalihom l-partijiet interessati li jirrappreżentaw l-oqsma kollha tal-industrija, il-konsumaturi u s-soċjetà ċivili (laqgħa ta' informazzjoni pubblika fi Brussell fis-17 ta' Ġunju 2013, diskussjoni fl-Assemblea tal-Aġenda Diġitali 2013 u l-laqgħa Digital Champions f'Dublin fit-18 sal-20 ta' Ġunju 2013). Id-diskussjonijiet kollha wrew livell għoli ta' konverġenza dwar il-ħtieġa urġenti li titneħħa l-frammentazzjoni tas-suq tat-telekomunikazzjoni li għad hemm, filwaqt li jiġu rrikonoxxuti l-benefiċċji li joħorġu minn dan*

*rigward it-tkabbir addizzjonali. Fis-sitwazzjoni ekonomika attwali, l-Ewropa sempliċiment m'għadhiex tista' titlef il-potenzjal enormi li s-suq uniku tat-telekomunikazzjoni jġib miegħu għat-tkabbir u l-impjiegi.*

*Il-Kummissjoni tittama li dawn il-kjarifiki jindirizzaw it-tħassib minn naħa tal-Kamra tad-Deputati u tħares 'il quddiem biex tissokta b'dan id-djalogu politiku fil-ġejjieni.*

*Dejjem tiegħek,*

*Maroš Šefčovič*
*Viċi President*